MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1139/2012

**Bay Street Holdings Limited (C12058)**

***kontra***

**BF Business Company Limited (C55886) u Francesco Baio (detentur tal-karta tal-identita` Taljana bin-numru AR 9562552)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-19 ta` Novembru 2012 li jaqra hekk–

*1. Illi l-kumpannija esponenti hija l-proprjetarja tal-kumpless maghruf bhala l-Bay Street Touris Complex, St. George`s Bay, St. Julian`s;*

*2. Illi l-kumpannija konvenuta kienet topera zewg (2) "designated areas" wahda f`Level Zero u l-ohra f`Level Two fl-imsemmi kumpless proprjeta` tal-kumpannija esponenti bl-isem "Capelli Mania" u "Cupida" rispettivament u dana bis-sahha ta` sebgha (7) ftehim u b`mod partikolari:*

*a) "Operation of a Business Concern" ta` nhar l-20 ta` April 2012;*

*b) "Management Agreement" ta` nhar l-20 ta` April 2012;*

*c) "Uitilities Agreemetn" ta` nhar l-20 ta` April 2012;*

*d) "Addendum" ta` nhar it-12 ta` Settembru 2012;*

*e) "Operation of a Business Concern" ta` nhar il-15 ta` Mejju 2012;*

*f) "Management Agreement" ta` nhar il-15 ta` Mejju 2012;*

*g) "Utilities Agreement" ta` nhar il-15 ta` Mejju 2012;*

*3. Illi kopja ta` dawn il-ftehim qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "<u>Dokument BS1</u>", "<u>Dokument BS2</u>", "<u>Dokument BS3</u>", "<u>Dokument BS4</u>", "<u>Dokument BS5</u>", "<u>Dokument BS6</u>" u "<u>Dokument BS7</u>" rispettivament;*

*4. Illi skond dawn il-ftehim, il-konvenut Francesco Baio li huwa d-direttur tal-kumpannija konvenuta, dahal bhala garanti solidali mal-kumpannija konvenuta ghaf-favur tal-kumpannija esponenti u b`hekk iggarantixxa l-obbligi kollha li kienu jinkombu fuq il-kumpannija versu l-kumpannija esponenti;*

*5. Illi ghalkemm ghal zmien qasir dawn il-hwienet gew operati regolarment mill-kumpannija konvenuta, sussegwentement gara illi l-kumpannija konvenuta waqghet lura fil-pagamenti minnha dovuti lill-kumpannija esponenti u l-bilanc dovut huwa dak li jirrizulta mill-istatement li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument BS8";*

*6. Illi gara wkoll illi d-direttur tal-istess kumpannija konvenuta ossija l-konvenut Francesco Baio, li huwa ta` nazzjonalita` Taljana, harab lejn l-Italja u ma huwiex ser jigi lura minhabba d-djun akkumulati u possibbli investigazzjoni mill-"Fraud Squad", u llum-il gurnata d-"designated areas" li suppost qeghdin jigu operati mill-kumpannija konvenuta qeghdin jinzammu maghluqa;*

*7. Illi l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti huwa dak ta` tnejn u hamsin elf erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09) kif jirrizulta mill-istess "statement" u li ghalkemm interpellati u nhargu anke mandati ta` qbid u sekwestru kontra l-konvenuti, huma baqghu inadempjenti;*

*8. Illi ghalhekk il-konvenuti huma debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont kumplessiv ta` tnejn u hamsin elf erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09);*

*9. Illi d-dejn dovut mill-konvenuti lill-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpannija esponenti, il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x`jaghtu ghat-talbiet attrici;*

*10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega mil-ligi skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh;*

*11. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.*

*Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, tghid il-kumpannija konvenuta ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet tal-kumpannija esponenti illi qieghda hawn titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri, flimkien u in solidum bejniethom, tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta` tnejn u hamsin elf, erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09);*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta` tnejn u hamsin elf erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09).*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta` qbid u sekwestru kawtelatorji pprezentati qabel illum u bl-interessi kummercjali bl-oghla rata permissibbli mil-ligi kummercjali min-nhar it-30 ta` Settembru 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti illi r-rapprezentanti, azzjonisti u d-diretturi taghha huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.*

*B`rizerva cara ghad-drittijiet kollha spettanti lill-kumpannija esponenti taht il-ftehim imsemmija f`dan ir-rikors mahluf.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill- konvenuti skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum it-Tnejn 18 ta` Frar 2013 fid-9.00 a.m., il-konvenuti ma dehrux.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri, flimkien u in solidum bejniethom, tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` tnejn u hamsin elf, erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09).**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu lill-kumpannija attrici l-ammont ta` tnejn u hamsin elf**

**erba` mija u erbghin Euro u disa` centezmi (€52,440.09), bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------